**31 ta' Mejju, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nicholas Grima

**Provi — Xhieda tal-Ko-imputat.**

*Kontra żewġ persuni mputati bl-istess reat il-Pulizija tista' tipproċedi b'ċitazzjoni separata; u skond il-liġi Maltija, jekk il-proċess jiġix uni, jew separat hija ħaġa rimessa lill-Prosekuzzjoni biss.*

*L-imputat ma jistgħax jilmenta li l-Prosekuzzjoni tkun ist'twiet proċess separat għal kull wieħed miż-żewġ imputati; għax dan hu pjuttost vantaġġjuż għall-imputat, billi, jekk kun irid lill-imputat l-ieħor bħala xhud favur tiegħu, ikun jista' jġibu bħala xhud, mentri, kieku sar proċess wieħed, l-imputat l-ieħor k en ikun ko-imputat miegħu, u għalhekk ma kienx ikun jista' jġibu bħala xhud. Meta l-proċeduri huma separati, jista' jinġieb bħala xhud ħadd ieħor l huwa mputat bl-istess imputazzjoni, imma fi proċess separat; salvi kwistjonijiet ta' kredibbilità "et similia".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati

ta' Malta talli fl-Empire Stadium, il-Gżira, fit-8 ta' Marzu 1958, għal xi t-3.30 p.m., *kiser il-provvedimenti tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 497 tal-1938, billi għamel imħatra* fuq ir-riżultat ta' logħoba football;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta'-10 ta' April 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu £2 ammenda, u *ordnat il-konfiska tal-flus eżibiti*;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Jirriżulta mix-xhieda tal-kuntistabb'i *Fenech li* fit-8 ta' Marzu 1958 fl-Empire Stadium, waqt li kienet qegħdha tintlagħab partita football bejn it-team ta' tas-Sliema u dak tal-Ħamrun, dan il-kuntistabbli sema' lill-imputat jgħid lin-nies ta' madwaru "Hawn xi ħadd irid wieħed u draw?", u mbgħad x'uħud aċċettaw, u kien hemm passaġġ ta' flus f'idejn l-imputat. Il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma temminx ix-xhieda ta' dan ix-xhud;

Hemm ċirkustanzi konkomitanti li, għad li weħedhom, jistgħu ma jfissru xejn, però fil-kumpless tagħhom, u uniti ma' dik ix-xhieda ta' Fenech, huma ta' valur indiskutibbli; ċjoè:—

*Omissis;*

Id-difiża talbet li tipproduċi lil ċertu Paul Fava, imputat bl-istess addebitu, iżda b'ċitazzjoni separata. Id-difiża donnha lmentat li l-Pulizija pproċediet b'ċitazzjoni separata. Apparti li, jekk il-proċess jiġix unit jew separat hi ħaġa rimessa, skond il-Liġi Maltija, lill-Prosekuzzjoni biss (ara, b'analoġija, deċiż. Rex. vs. Sacco, 9.VI.42. ta' din il-Qorti kolleġjalment komposta, b'ċitazzjoni tal-liġi in propożitu u ta' ġurisprudenza anterjuri), il-fatt li Fava ġie proċessat separatament kien pjuttost vantaġġ għall-imputat, jekk ried iġibu xhud; għaliex, kieku kien u baqa' ko-impu-

tat miegħu, ma kienx jista' jipproduċieħ, mentri, ladarba l-proċeduri huma separati, dan hu wieħed mill-każijiet fejn jista' jinġieb bħala xhud ħadd ieħor avvolja mputat bl-istess imputazzjoni (ara Archbold, Crim. Pd. 1943 edition, p. 441); salvi kwistjonijiet ta' kredibbilità "et similia";

Iżda ma hemm ebda verbal fil-proċess li juri li din il-prova ġiet offerta fl-ewwel istanza u respinta; u fil-fattispeċje ma jirrikorri ebda wieħed mill-każijiet viżwalizzati mill-liġi li fihom hu ammess xhud fl-appell li ma jkunx xehed in prima istanza. Dawn il-każijiet ma għandhomx jiġu estiżi (App. Krim. "Pul. vs. Gatt", 27 ta' Frar 1937). Lanqas hu l-każ li n-neċessità tal-produzzjoni tax-xhud Fava nħolqot "ex improviso" (App. "Pulizija vs. Falzon", 16 ta' Jannar 1945, deċ. fin. 27.1.45). Il-Qorti tista' eċċezzjonalment issejjaħ xhud "marte proprio" (App. Krim. "Pul. vs. Cilia" 4.X.1941); imma din il-fakoltà għandha tiġi eżerċitata b'parsimonja, ċjoè fejn ikun hemm ċirkustanzi straordinarji; u fil-każ in ispeċje dawn ir-ċirkustanzi ma jirrikorrux, apparti li din il-Qorti ma tħossx li, taħt iċ-ċirkustanzi, ix-xhieda ta' Fava tkun tista' tiġġiova lill-imputat. Iż-żewġ xhieda prodotti għad-diskariku f'din l-istanza ma jgħinux bl-ebda mod lill-imputat;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.